**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

5 ta' Frar, 2023

# GĦALL-MORDA U L-ANZJANI

Nhar is-Sibt 11 ta' Frar se jkollna quddiesa li fiha jingħata s-sagrament tad-dilka lill-morda u l-anzjani li jkunu jixtiequ jirċevuh.
Is-sagrament tal-Griżma tal-Morda hemm allużjoni għalih fil-Bibbja, Fl-Ittra ta' San Ġakbu, li jgħidilna, "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej" (5:14).



L-anzjani u l-morda tagħna huma parti mill-komunità. Is-soċjetà għandha t-tendenza li tarahom bħala piż. Xi drabi l-istess anzjan jibda jħoss li hu piż fuq il-familja.
F'dan il-jum iddedikat lill-morda niftakru fil-ħafna persuni li jissagrifikaw ħajjithom biex jieħdu ħsieb qraba li huma dgħajfin u vulnerabbli.
Ma hemm l-ebda telf għal min jagħmel ħidma bla qligħ mal-morda.
Meta nitolbu għall-morda u l-anzjani ma għandna qatt ninsew nitolbu għal dawk li jduru bil-morda.
Ma ninsewx ħsieb li jħobb jirrepeti l-Papa Franġisku: "l-anzjani huma l-għeruq tagħna".
Jekk ma niħdux ħsieb l-anzjani lkoll kemm aħna nitilfu mill-valur tagħna.
Is-Sibt li ġej niltaqgħu fl-10:00am. Wara l-quddiesa nieħdu xi ħaġa flimkien fil-portiku tal-knisja.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

**"Outreach" fir-Randan**

Il-ġimgħa li għaddiet kellna fostna lill-E.T. Anton Teuma fejn fl-Assemblea Parrokkjali spjegalna x'inhu għaddej bħalissa fis-sena pastorali - it-Tqassim tal-Vanġelu ta' San Mattew. Hu qalilna wkoll dwar il-fażi li jmiss - fi żmien ir-Randan - dik li ssejħet bħala "outreach". Diversi voluntiera kemm lajċi u saċerdoti huma mistiedna biex imorru jgħaddu messaġġ spiritwali f'postijiet li forsi mhux is-soltu li wieħed jismagħhom - fil-każini u bars. Din hi xi ħaġa li qabel kienet issir f'diversi rħula u tkun ħaġa sabiħa li wieħed anke fil-ħin ta' mistrieħ u divertiment iħalli wkoll spazju għall-messaġġ spiritwali li jista' jkun jgħodd fil-ħajja mgħaġġla li lkoll ngħixu. Għalhekk qegħdin nistiednu lil dawk il-voluntiera li jixtiequ jkunu parti minn dan il-grupp biex jagħtu isimhom fl-Uffiċċju Parrokkjali bl-għażla wkoll jekk jippreferux li jmorru fi rħula oħra.

**L-AVVIŻI:**

**GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 6 ta' Frar fl-4:30pm għand is-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Jibda bir-Ružarju u wara Quddiesa. Kulħadd hu mistieden.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA**: se żżomm l-Assemblea Ġenerali fid-Dar Dun Franġisk fit-Tiġrija nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2023 fid-9:30am. Il-membri mħeġġa jattendu. Il-Ħamis 9 ta' Frar fid-9:30am se mmorru Marsalforn fejn ser ikollna quddiesa fil-knisja ta' San Pawl. Wara nieħdu kafè. Inċemplu lil Tonina 21553042 / 79923153.

**FESTA TA' SAN PAWL:** fil-festa ta' San Pawl, fl-10 ta' Frar, il-quddies ikun fil-ħinijiet bħal tal-Ħadd.

**QUDDIESA F'GĦELUQ IX-XAHAR:** il-quddiesa tal-9:45am ta' nhar l-10 ta' Frar, se tkun għal ruħ Swor Marija Luċija Azzopardi. Swor Luċija kienet soru mal-Klarissi u ħallietna fid-9 ta' Jannar.

**TRASPORT PROVDUT GĦALL-KORS TAL-LITURĠIJA:** navżaw lil dawk kollha li nkitbu għall-kors tal-Liturġija, li se jkollhom trasport provdut għalihom minn nhar it-Tnejn 13 ta' Frar, imnejn iċ-Ċentru Parrokkjali, fil-5:30pm.

**ĠABRA GĦALL-ART IMQADDSA:** laħqet it-total ta' €2751.34. Il-ġbir sar fil-knisja parrokkjali, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu u fil-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta.

**ĠABRA GĦALL-PEDESTALL:** sal-1 ta' Frar kienet ta' €2879. Nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu.

**DONAZZJONI TA' LINFA TAL-KRISTALL:** dan l-aħħar ġiet stallata linfa kbira tal-kristall tal-Boemja fis-sagristija tal-knisja. Din il-linfa hija donazzjoni ta' Peter Portelli. Nirringrazzjaw lil dan il-benefattur ta' din l-għotja li se titgawda mill-komunità kollha.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am